MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 902/2006

**Avukat Dr. Michelle Tabone bhala Ekonomu tal-Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni Ekklesjastici kollha ta' Malta;**

**Reverendu Fr. Joseph Bugeja bhala direttur tal-Opri Missjunarji Pontificji;**

**Suor Paule Mamo fis-seklu maghrufa bhala Mary Grace Mamo, Madre Superjuri ghan-nom ta' Little Sisters of the Poor tal-Hamrun;**

**Suor Bertilla Bartolo, Superjura Provincjali tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesu`, ghan-nom tal-Kunvent tal-istess Kommunita` fil-Belt Valletta;**

**Victor Delicata, Superjur Generali tas-Socjeta` M.U.S.E.U.M. – Sezzjoni Maskili, ghan-nom tal-istess entita`;**

**Phyllis Falzon, Superjura Generali tas-Socejta` M.U.S.E.U.M. – Sezzjoni Femminili, f'isem l-istess entita`;**

**Alfred Sammut, President tal-Moviment Il-Legjun ta' Marija, f'isem l-istess Moviment Fergha ta' Hal-Tarxien;**

**Reverendu Silvio Schembri, Superjur Regjonali, f'isem u ghan-nom tas-Socjeta` Missjunarja ta' San Pawl (M.S.S.P);**

**Patri Joe Alessandro, Provincjal, f'isem il-Frangiskani Kapuccini (O.F.M. CAP.);**

**Reverendu Paul Chetcuti, Provincjal, f'ismu u ghan-nom tal-Kommunita` tal-Gizwiti (S.J.);**

**Patri Paul Gatt, Provincjal, il-Kommunita` Maltija tad-Dumnikani (O.P.), f'isem l-istess Kommunita`;**

**u**

**Reverendu Anton Theuma, Rettur pro tempore tas-Seminarju tal-Qalb ta' Gesu`, Ghawdex, u/jew Rev. Joseph Cauchi, prokuratur pro tempore tal-istess Seminarju, f'isem l-istess entita` ekklezjastika tad-Djocesi Ghawdxija**

**vs**

**L-Eredita` Gjacenti tal-Kavallier Rafel Bonnici Cali` b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2006 Dr. Richard Sladden u l-P.L. Luisa Tufigno nominati bhala kuraturi deputati**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici, wara li qalet:

Illi fis-6 ta’ Awissu, 2002 miet il-Kavallier Raffaele Bonnici Cali`.

Illi mir-ricerki testamentarji li saru rrizulta li l-wirt tad-decujus huwa regolat minn zewg testmenti datat 18 ta’ Gunju, 1994 fl-atti tan-nutar Christopher Gatt u iehor datat 10 ta’ Awissu, 2001 fl-atti tan-nutar Dr. Roland Wadge.

Illi peress illi l-werrieta universali tal-Kavallier Raffaele Bonnici Cali` irrinunzjaw formalment ghall-eredita` tal-istess testatur fil-Qorti Civili ta’ Gurisdizzjoni Voluntarja.

Illi permezz tat-testment tat-18 ta’ Gunju, 1994 id-decujus halla b’titolu ta’ legal konsegwibbli wara mewt s-somma ta’;

(a) Elf lira Maltija (Lm 1,000) lid-Dar tal-Providenza;
(b) Elf lira Maltija (Lm 1,000) lill-Opri Missjunarji Pontifici;
(c) Hamsin lira Maltija (Lm50) lis-Sorijiet Frangiskani Maltin fi Triq San Kristoforu, Valletta;
(d) Erba’ mitt lira Maltija (Lm400) lis-Seminarju Superjuri ta’ l-Arcisqof ta’ Malta;
(e) Erba’ mitt lira Maltija (Lm400) lis-Seminarju ta’ Ghawdex;
(f) Elf lira Maltija (Lm1,000) lid-Dar tax-Xjuh tas-Sorijiet Piccole Suore tal-Hamrun,
(g) Elf lira Maltija (Lm1,000) lill-Azzjoni Kattolika;
(h) Elf lira Maltija (LM1,000) ghad-djar tax-xjuh li tinsab fin-Naxxar (Gizwiti) mmexxija mill-Azzjoni Kattolika;
(i) Mitt Lira Matlija (Lm100) lill-Azzjoni Kattolika, sezzjoni subien ta’ Hal Tarxien, u mitt Lira Maltin (Lm100) lill-Azzjoni Kattolika, sezzjoni Bniet ta’ Hal Tarxien;
(j) Mitt lira Maltija (Lm100) lis-Socjeta` M.U.S.E.U.M. – Sezzjoni Maskili u mitt lira Maltija (Lm100) lis-Socjeta` M.U.S.E.U.M. – Sezzjoni Femminili, (it-tnejn li huma ferghat ta’ Hal-Tarxien);
(k) Mitt lira Maltija (Lm100) lis-Socjeta` tal-Isem Imqaddes t’Alla mmexxija mill-Kommunita` tal-Patrijiet Dumnikani Maltin;

(l) Mitt lira Maltija (Lm100) lill-Kongregazzjoni Marjana mmexxija mill-Ordni tal-Gizwiti Maltin;
(m)Mitt lira Maltija (Lm100) lill-Fratellanza ta' San Guzepp tar-Rabat Malta;
(n) Mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lis-Socjeta` Missjunarja ta' San Pawl;
(o) Erba' mitt lira Maltin (Lm400) lill-Missjunarji tal-Ordni tal-Frangiskani Kappuccini;
(p) Mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lill-amministrazzjoni tal-gurnal "Lehen is-Sewwa";
(q) Elfejn lira Maltin (Lm2000) lill-Fondazzjoni Dun Gwann Barbara- Knisja Parrokkjali Tarxien;
(r) Mitt lira Maltija (Lm100) lill-Kummissjoni Parrokkjali li tiehu hsieb l-anzjani;
(s) Mitt lira Maltija (Lm100) lill-Knisja Parrokkjali ta' Hal Tarxien;
(t) Mitt lira Maltija (Lm100) lill-Fuljett "Tarxien" tal-Parrocca ta' Hal Tarxien;
(u) Mitt lira Maltija (Lm100) lil-Legjun ta' Marija – Fergha ta' Hal Tarxien;
(v) Mitejn lira Maltin (Lm200) lill-kappella tac-Cimiterju tal-Erwieh f'Hal-Tarxien;
(w) Hames mitt lira Maltin (Lm500) lil "Dar Nazzareth", immexxija mill-Parrocca ta' Hal Tarxien;
(x) Erbghin lira maltin (Lm40) sabiex jigu mqaddsa quddies ghal ruh it-testatur.

Illi fil-fehma tal-attrici jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u sa fejn jafu l-eredi legali tal-mejjet m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x'jaghtu ghat-talba attrici.

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12)
2. Tikkundanna lill-eredita` gjacenti thallas il-legati fuq imsemmija fl-ammont komplessiv ta' ghaxart

elef hames mija u disghin lira Maltija (Lm10,590) in kwantu ghal;-

(a) Elf Lira Maltija (Lm1000) lill-Opri Missjunarji Pontifici;
(b) Elf Lira Maltija (Lm1000) lid-Djar tax-Xjuh tas-Sorijiet Piccole Suore, tal-Hamrun;
(c) Hamsin Lira Maltija (Lm50) lis-Sorijiet Frangiskani, Valletta;
(d) Erba’ mitt Lira Maltin (Lm400) lis-Seminarju ta’ Ghawdex;
(e) Mitejn Lira Maltin (Lm200) lis-Socjeta` M.U.S.E.U.M.;
(f) Mitt Lira Maltija (Lm100) lill-Ordni tal-Patrijiet Dumnikani Maltin;
(g) Mitt Lira Maltija (Lm100) lill-Ordni tal-Patrijiet Gizwiti Maltin;
(h) Mitt Lira Maltija (Lm100) lil-Legjun ta’ Marija, Fergha ta’ Hal-Tarxien;
(i) Mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm250) lis-Socjeta` Missjunarja ta’ San Pawl;
(j) Erbgha mitt Lira Maltija (Lm400) lill-Ordni tal-Frangiskani Kappuccini;
(k) Sitt elef disgha mija u disghin lira Maltija (Lm6,990) lill-attrici avukat Dr. Michelle Tabone nomine biex jitqassmu kif fuq spjegat.

Illi minn ricerki li saru f’Banek lokali u fil-Borza ta’ Malta ghall-investimenti finanzjarji li t-testatur kellu investiti f’ismu fid-data ta’ mewtu, irrizulta illi hemm assi bizzejjed sabiex l-imsemmija legati jkunu jistghu jithallsu kollha.

Bl-ispejjez kontra l-kuraturi mahtura tal-eredita` gjacenti ta’ Chev. Rafel Bonnici Cali` li huma minn issa ngunti in subizzjoni u bl-imghax skond il-ligi.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Michelle Tabone u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti.

Rat illi ma ntweriet ebda raguni ghala s-sentenza ma tinghatax illum skond il-ligi.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta Eredita` Gjacenti tal-Kavallier Rafel Bonnici Cali'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------